# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Mohamed Hassan Abdillahi**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Mohamed Hasan Abdillahi**, imwieled is-Somalja nhar l-01 ta' Jannar 1996 u residenti gewwa 'Hal Far Tent Village', B'Bugia u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 9001303A fejn ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer : -

nhar it-12 ta' Marzu 2016 ghall-habta ta' 04.30hrs f'San Giljan;

1. Bil-hsieb li jikkaguna griehi ta' natura gravi permezz ta' strument li jaqta u bil- ponta, fuq il-persuna ta' Nicolas Marie Joseph Lejeune, b'atti esterni, ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, izda li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu; (Art. 41 (1) (a), Art. 216, 217, Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta);
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi serraq telefon cellulari tad-ditta Samsung Alfa, ghad-detriment ta' Nicolas Marie Joseph Lejeune, liema serq ikon izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(2,329.37 Euros) huwa aggravat bil-valur u hin; (Art. 279 (a) u Art. 280, Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-waqt li kien qed jaghmel reat kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (strument li jaqta u bil-ponta); (Art. 55 (a), Kapitolu 480 ta' Ligijiet ta' Malta);
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta minghajr ma kellu licenza jew perrness minghand i1-Kummissarju; (Art. 6, Kapitolu 480 ta' Ligijiet ta' Malta);
5. U aktar talli tl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika; (Art. 338 (dd), Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta);
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Nicolas Marie Joseph Lejeune; (Art. 339 (e), Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta);
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod Ii ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu;(Art. 338 (ff), Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta);
8. U aktar talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, Iiema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr. C. Peralta' LL.D nhar id- 19 ta' Awissu 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
9. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. C. Peralta LL.D nbar id-19 ta' Awissu 2015, Iiema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula; (Art. 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tat-13 ta’ Marzu 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma bil-ġurament l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Francine Abela, stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tiġbor il-provi f'dan il-każ u rat ukoll id-diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

Rat id-dokumenti kollha prodotti, inkluż l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat kif ukoll il-fedina penali tiegħu.

Semgħet ukoll ix-xiehda prodotti.

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 21 ta' Lulju 2016, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Mohamed Hassan Abdillahi** fl-Artikoli 17, 31, 28B, 41(1)(a), 49, 50, 214, 215, 216 u 217, 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280 u 281, 338(dd)(ff), 339(1)(e), 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 481 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tal-20 ta' Diċembru 2016 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat,

staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet id-deposizzjoni tal-Imputat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ, il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-fatti kif rakkuntati mix-xiehda imresqa mill-Prosekuzzjoni. Id-diverġenzi sollevati mid-Difiża ma humiex tali li jxejnu din ix-xiehda. Huwa normali jkun hemm ċerti differenzi fid-deposizzjonijiet tax-xhieda okulari u dawn id-diverġenzi jkunu dovuti għal diversi fatturi umani – u f'dan il-każ dawn id-diverġenzi ma humiex dovuti għall-fatt li x-xiehda tal-prosekuzzjoni ma kienux qed jgħidu l-verita iżda minħabba fatturi dovuti għall-fatt li kull xhud jipperċepixxi l-fatti b'mod soġġettiv u b'hekk ikunu soġġettati għal interpretazzjoni soġġettiva tar-realta, nonche wkoll il-fatt li l-memorja tax-xhieda mhux kollha tkun l-istess. Fi kwalunkwe każ, ix-xiehda tal-imputat hija pressokke inutli in kwantu ex admissis, huwa bil-kemm kien jaf x'kien qiegħed jiġri madwaru bix-xorb

li kellu f'moħħu u ma tinnewtralizzax dik tal-Prosekuzzjoni, l-anqas fuq il-grad tal-probabbli.

Kwantu għar-reat imputat taħt l-Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 481 il-Qorti rat li fil-mument tas-serqa tal-mobile l-imputat ma rrikorra għal ebda arma regolari jew mhix. Inoltre meta wettaq ir-reat imputat fl-ewwel imputazzjoni huwa wettaq ir-reat bi strument li jaqta' jew bil-ponta; iżda l-Qorti ma tqisx li f'dak il-kuntest tista' takkolla wkoll ir-reat taħt l-Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 481 tal-Liġijiet ta' Malta simultaneament.

# ***Decide :-***

Li wara li rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali aktar il-fuq imsemmija u ċjoe fl-Artikoli 17, 31, 28B, 41(1)(a), 49, 50, 214, 215, 216 u 217, 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280 u 281, 338(dd)(ff), 339(1)(e), 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 481 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-raġunijiet premessi il-Qorti qegħda ssib lill-imputat **Mohamed Hassan Abdillahi** mhux ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarha filwaqt li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu.

Kwantu għall-piena il-Qorti qieset li dan kien każ fejn l-imputat għandu fedina penali u kondotta li ma humhiex netti u fejn wera' diġa

predisposizzjoni għal reati kontra l-persuna u l-Qorti kienet diġa tagħtu ċans jirriforma ruħu meta kienet ikkundannatu għal sentenza ta' priġunerija sospiża. Biss sfortunatament l-imputat minflok kien bil-għaqal u għaraf jieħu din l-opportunita għażel li jikkommetti dawn ir-reati. F'dan l-istadju għalhekk din il-Qorti ma tistax tagħtih ċansijiet oħrajn. Għalhekk wara li ħadet in konsiderazzjoni tal-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali u qieset li huwa reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li sejra timponi piena karċerarja effettiva sejra pero tikkommina pieni li joqorbu lejn il-minimu u għalhekk tikkundannah :

i : kwantu għar-reati numri wieħed, tnejn, erbgħa, ħamsa, sitta u sebgħa għall-piena ta' **tmintax il-xahar priġunerija u multa ta' mija u sittax il-euro sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€116.47);**

ii : kwantu għat-tminn imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li qiegħda ssib li **Mohamed Hassan Abdillahi** wettaq ir-reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda titratta miegħu għar-rigward tas-sentenza sospiża u konsegwentement qiegħda tordna li s-sentenza ta' **tnax il-xahar priġunerija** sospiżi għal sentejn għandha tibda' sseħħ b'effett immedjat;

Għall-fini ta' kjarezza, bis-saħħa ta' din is-sentenza **Mohamed Hassan Abdillahi** qiegħed għalhekk jiġi kundannat għal perjodu komplessiv ta'

**tletin (30) xahar priġunerija flimkien mal-ħlas ta' multa ta' mija u sittax il-euro sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€116.47).**

*Mogħtija illum l-10 t'April elfejn u sbatax (2017) fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Aaron M. Bugeja*